## KUMITAT TAR-REGJUN CENTRALI

# MINUTI

## SEDUTA Nru. 36

It-Tlieta, 23 ta' Lulju, 2013

Il-Kumitat tar-Regjun Centrali ltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali Msida, Pjazza Menqa, Msida, fis-2.00pm.

Il-President, is-Sur Peter Bonello ippresieda.

**PREZENTI**

Kienu prezenti il-President, is-Sur Peter Bonello, Sindku San Giljan, is-Sur Joe Camilleri, Kunsillier il-Gzira, is-Sur Stefan Cordina, Sindku H'Attard, is-Sur Anthony Chircop, Sindku Tas-Sliema, is-Sinj. Margareth Baldacchino Cefai, Sindku Msida, is-Sur Maximillian Zammit, Sindku Ta' Xbiex, is-Sur Keith Tanti Sindku Tal-Pieta` u Dr Ian Castaldi Paris, Sindku Hal-Lija.

Is-Sur Stephen Sultana, Sindku Sta. Venera informa li kien xoghol u ghalhekk gie skuzat.

**TALBA**

Il-President qal it-talba.

## MINUTI

Il-minuti tas-Seduta Nru. 35 li saret nhar it-Tnejn, 3 ta' Gunju, 2013, kienu approvati unanimament.

Hawnhekk, il-President talab is-sospensjoni ta' l-Agenda sabiex jigi diskuss ma' l-avukati, item nru. 4, il-proposta dwar id-*debt collection* ta' multi pendenti. Kien hemm qbil dwar dan.

## SERVIZZ TA' *DEBT COLLECTION* TA' MULTI PENDENTI

Il-President qal li kien iltaqa' ma' Dr. Bianchi u Dr. Frendo fejn spjegawlu l-proposta taghhom dwar kif se tahdem is-sistema u issa qieghed jitlob lil Dr. Bianchi jispjega dan lill-Kumitat.

Dr. Bianchi qal li flimkien ma' Dr. Frendo kienu qed iressqu din il-proposta. L-ewwel pass kien li tintbghat ittra bonarja lil min ghandu pendenzi u ghal din l-ittra il-Kumitat ma johrogx flus. Huma jiehdu madwa ± 20% + VAT fuq dawk il-multi li jkunu thallsu. Huwa prezenta wkoll tabella kif ser ikunu qed jithallsu mill-flus li jidhlu (Appendici A). It-tieni stadju jkunu l-mandati ta' sekwestru liema mandati jithallsu mir-Regjun.

Wara diskussjoni li saret dwar dan, il-Kumitat qabel unanimament li jaddotta din il-proposta.

## KORRISPONDENZA

- Il-Kumitat ma laqax talba ta' The George Hotel sabiex tigi nstallata cctv mir-Regjun hdejn l-istess hotel;

- Il-Kumitat laqa' t-talba tas-Sinj. Romina Camilleri sabiex isir *refund* ta' hlas ta' multa li nghatat f'San Gwann wara li fejn kienet ipparkjata tajjeb ma kienx hemm linji tant li l-ghada gew mizbugha *parking bays* bojod mill-Kunsill;

## MISTOQSIJIET

Ma kienx hemm mistoqsijiet xi jsiru.

## KOMUNIKAZZJONI TAL-PRESIDENT

***Premises tar-Regjun***

Il-President qal li wasal iz-zmien li r-Regjun ikollu l-post tieghu. Huwa qal li bhalissa r-Regjun huwa maqsum fi tliet postijiet u dan mhux *healthy* ghall-istess Regjun.

Is-Sur Tanti qal li bil-post tieghu u mhux, ir-Regjun xorta ghaddej minghajr ma jkollu ghalfejn johrog dik l-ispiza kollha. Huwa staqsa x'se jkunu qed jiehdu l-Kunsill jekk jinxtara l-post.

Il-President qal li r-Regjun ikun qieghed jahdem aktar ko-ordinat u mhux sparpaljat kif inhu illum. Bhalissa ir-Regjun qed ihallas diversi kirjiet ghal postijiet differenti.

Is-Sur Tanti staqsa jekk Regjuni ohra ghandhomx il-*premises* taghhom.

Il-President wiegeb li Regjuni ohra m'ghandhomx *cash flow* tajba bhal tar-Regjun Centru.

Kien hemm qbil li tohrog sejha ghall-interess ghax-xiri ta' post li jservi ta' ufficcju amministrattiv, Tribunal u store ghad-dokumenti tar-Regjun.

***Marki tat-toroq u servizz ta' gbir ta' flus minn kumpaniji tas-sigurta`***

Il-President talab li jintbghat *reminder* lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali dwar it-talba tar-Regjun ghal dawn is-servizzi.

Kien hemm qbil li sadanittant ir-*refreshing* tal-marki tat-toroq ghandu jibqa' jsir regolari mill-Kunsilli Lokali ghax qed ikun hemm xi diffikultajiet ghall-gwardjani lokali f'certi lokalitajiet.

***Permessi mill-Kunsilli Lokali***

Il-Vici President tkellem dwar il-problema li johloq il-fatt li l-permessi li jinhargu mill-Kunsilli Lokali, specjalment dawk tal-cranes, ivarjaw bejn Kunsill u iehor. Huwa sostna li ghandu jsir xi haga biex dawn ikunu komuni fost il-Kunsilli. Wara li saret diskussjoni dwar dan, kien hemm qbil li tintalab kopja tal-permessi tal-cranes minghand il-Kunsilli Lokali tar-Regjun.

## APPROVAZZJONI TAL-HLASIJIET FIX-*SCHEDULE OF PAYMENTS*

Il-President, ssekondat mill-Vici President ressaq mozzjoni sabiex jigi approvat il-hlas tal-pagamenti li huma mnizzla fuq ix-*Schedule of Payments* Nru. 36. Il-mozzjoni ghaddiet *nem.con*.

**TMIEM**

Fit-3.00pm intemmet is-Seduta.  Kien hemm qbil li s-seduta li jmiss tkun nhar l-Erbgha, 7 ta' Awwissu, 2013 fis-2.00pm

Simon Cauchi
A.Segretarju Ezekuttiv

**Konfermati:**

Peter Bonello
President